# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Gianluca Sultana et

Illum 01 ta’ Lulju 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Gianluce Sultana, Bin Lucienna Sultana, imwieled il-Pieta’ fit-22/02/1998, residenti 42 B Lucverlu, Triq Nelson, Bormla u detentur ta’ Karta ta’ Identita’ numru 86098M

U

Marflene Cricchiola, Bin Marlon u Rita, xebba Pavia, mwieled il-Pieta’ fid- 09/11/1986, resident 13, Triq Federik, Bormla u detentur ta’ Karta ta’ Identita’ numru 513386M

U nakkuzawhom talli matul il-lejl bejn il-21 u 22 ta’ Lulju 2017 minn ġewwa l-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta’ Marija Immakulata, Bormla, fi-Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla:

1. ikkommettew serq ta’ diversi artifatti, oġġetti sagri w/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li huwa iżjed minn €2,329.27, bil-ħin u bil-lok, għad-dannu ta’ l-Arċipriet Dun Anton Cassar u/jew persuna/i oħra u/jew xi entita’ u/jew entitajiet oħra; skond l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a)(b), 267, 269(a), 270, 279(b), 280(2), tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Xjentement, jew b’negligenza, nuqqas ta’ ħila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti ikkagħunaw dannu lil jew qerdu proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali hija jew m’hiex reġistrata f’ xi inventarju u cioe niċċa tal- Kunċizzjoni u diversi artifatti u oġġetti sagri u dan bi ksur tal-Art.53 (1)(a) tal- Kap 445 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ ħsara tammonta għal iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u dan għad-detriment tal- Arċipriet Dun Anton Cassar u/ jew persuni jew soċjetajiet oħrajn u/jew persuna jew persuni oħra skond l-Art 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Kissru, ġarrafu, sfigurar jew b’ xi mod ieħor għamlu ħsara lil monument, statwa jew oġġetti oħra ta arti li qed jinqadmu għal- vantaġġ pubbliku jew għat- tisbih pubbliku u li jkunu ġew mwaqqfin mill- awtorità pubblika u cioe niċċa tal- Kunċizzjoni u diversi artifatti u oġġetti sagri u dan bi ksur tal- Art. 161 tal-Kap 9 tal- liġijiet ta’ Malta;

Lil Marflene Cricchiola waħdu, annunzawh ukoll talli:

5. naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali, Hon Imħallef Dr. Antonio Mizzi LLD., nhar it-12 ta' Mejju 2015.

6. rrenda ruħu recidiv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 ta-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

F'kaz ta' sejbien ta ħtija il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikli 49, 50, 161, 261(b)(c)(e)(f), 263(a)(b), 267, 269(a), 270, 279(b), 280(2), 289, 325(1)(a) tal-Kap 9 u l-artiklu 53 (1)(a) tal- Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat illi li gew moqrija dawn l-akkuzi lill-imputati fis-seduta ta' nhar is- 07/09/2017

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li sar l-ezami tal-imputati

Rat l-atti kollha, x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Rat il-Process Verbal redatt mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, maghluq fl- 4 ta' Ottubru 2017.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

Ir-Rapport tal-Espert Forensiku bin-numru ta' referenza FS 171431 – 17 CDA

**Ikkunsidrat**

Fix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca, irriżulta li l-każ jirrigwarda rapport ta' serqa li seħħet fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla fl-21 u 22 ta' Lulju 2017. Il-każ beda minn investigazzjoni ta' telefonati suspettużi u korrispondenza relatata ma' numru ta' artefatti reliġjużi u oġġetti oħra misruqa.

L-Ispettur Mercieca spjega kif ġew identifikati ċerti numri ta' mobile u ġew identifikati diversi oġġetti misruqa, fosthom kalċi, ċiborju, asperges u labra, kollha bil-kulur tal-fidda u tad-deheb, li ġew irrappurtati bħala meħuda mill-knisja. Dawn l-oġġetti kienu qeghdin f'basktijiet tal-evidenza numerati, u kollha kienu ssigillati u ffotografati mill-PS Manicalco tal-FSL.

L-investigazzjoni tinkludi wkoll diversi dokumenti u rċevuti relatati mal-każ kif ukoll dettalji dwar l-attivitajiet ta' persuni relatati mal-każ matul il-lejl meta seħħet is-serqa.

PS 637 Kevin Manicolo xehed li fis-11 ta' Settembru 2017 ġie informat mill-Ispettur Joseph Mercieca dwar oġġetti suspettati li nstabu ġewwa ċ-Ċentru ta' Ġibjun f'Bormla. Huwa mar fuq il-post flimkien ma' PS 180 Fabian Aquilina u l-Assistent Kummissarju Kevin Farrugia mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali. F'din il-kantina nstabu oġġetti relatati ma' l-użu ta' funzjonijiet reliġjużi u oħrajn, fosthom karta zgħira bil-kliem "tawh u ħaddu". Dawn ġew elevati u ppreżentati għal testijiet, inkluża karta li intbagħtet għad-dipartiment tal-chemical enhancement taħt PS 659 Jeffrey Hughes. L-evidenza nġabret f'diversi bags li ngħataw numru ta' referenza, u nħolqot lista ta' dawn il-borżijiet. L-evidenza ġiet fotografata minn PS Manicolo u identifikata bil-kodiċi rispettivi.

Il-Qorti riedet tiċċara li l-evidenza kienet taħt kontroll tiegħu u li l-oġġetti ġew elevati minnu personalment, u li r-ritratti ġew meħuda fuq il-post u ġew sottomessi bħala parti mir-rapport. PS

Manicolo kkonferma li dawn l-oġġetti ġew immarkati sew u li kienu f'kundizzjoni mhux perfetta meta nstabu. Għalhekk għaddihom lill-Laboratorju fejn ġie ppreżentat rapport preliminari dwarhom. L-istess xhud kkonferma wkoll li hu kien responsabbli mill-elevazzjoni tal-fingerprints u mill-għoti tal-oġġetti lill-Laboratorju. Qal ukoll li l-Laboratorju jinsab ħdejn l-uffiċċju tiegħu, u għalhekk huwa li għaddiehom personalment.

Dun Anton Cassar xehed li ilu madwar għaxar xhur bħala Arċipriet fil-parroċċa ta' Bormla. Dwar l-inċident imsemmi, qal li kien se jinżel għall-quddiesa tas-7:00am, iżda niżel kmieni għal xi ħaġa u wasal fil-knisja għall-ħabta tas-6:30am. Għandu miktub fid-djarju tiegħu li dan ġara fil-11 ta' Lulju, iżda ma jfakkarx eżatt.

Meta wasal, ġie informat mis-Sagristan is-Sur Salvu Attard li kien hemm serqa fil-knisja. Meta daħal, sab l-Ewkaristija kollha fil-Tabernaklu ma' l-art, il-pissidi neqsin u diversi affarijiet oħra mċaqalqa. Ra wkoll ħabel mdendel mit-tieqa tal-kor li kienet magħluqa iżda mhux imsakkra. Is-soltu kienet magħluqa mingħajr serratura.

Fir-rigward tal-oġġetti misruqa, qal li kienu nieqsa żewġ pissidijiet u tliet kalċi: wieħed tiegħu personali, wieħed tal-Vici u wieħed li kien jitpoġġa fit-Tabernaklu. Spjega li wieħed mill-kalċi tiegħu kien personalment tiegħu u jintuża għall-quddies. L-ieħor kien proprjetà tal-Knisja u l-aħħar wieħed kien tal-Katekumenat.

Żied jgħid li nsterqu wkoll żewġ vażetti żgħar li fihom iż-żejt tal-Katekumenat u taż-Żejt tal-Griżma (li l-Knisja ssejħilhom "il-qamar"), kif ukoll ciborju żgħir. Dawn kienu kollha fil-kaxxi tas-Sagristija.

Spjega wkoll li ġew misruqa affarijiet oħra bħal ostensorju kbir u xi asperges. Meta nstabu l-oġġetti, Dun Cassar qal li informa lis-Sagristan. Fisser li kienu fis-safe u fil-cupboard fejn iżommu xi affarijiet reliġjużi oħra.

Finalment, identifika wieħed mill-kalċi li nsteraq bħala dak tal-Vici, Dun Reuben Vella, u qal li dan ġie nstab b'mod mill-Pulizija. Madankollu, ma setax jagħti speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-oġġetti iżda rrikonoxxa dak li ġie identifikat lilu.

Dun Anton Cassar ikkonferma li numru ta' oġġetti esebiti kienu proprjetà tal-Knisja jew personali tiegħu, inkluż kalċi personali li jiswa madwar Lm550 u għandu madwar 30 sena. Semma wkoll li xi oġġetti kienu restawrati qabel ġew misruqa, u oħrajn kienu fi stat imkissar, bħal base tal-pissidi. Semma li l-oġġetti ġew mitlufa minn cupboard fejn kienu miżmuma.

F'parti oħra, indika li l-asperges u ciborju kienu wkoll fil-cupboard, u semma li l-asperges kienet miksura. L-oġġetti kienu stmati jiswa bejn €4,000 u €5,000, u huwa kien ċert li kienu koperti b'assigurazzjoni minn il-Kurja. Huwa identifika wkoll lil Michael Pace Ross bħala l-persuna responsabbli mill-assigurazzjoni fil-Kurja.

Finalment, elenka xi affarijiet oħra li għadhom neqsin bħalma huma żewġ flixken tal-injam li jintużaw għall-Magħmudija. Dawk ukoll stima li jiswa madwar €500. Tenna li l-valur tagħhom ma kienx għoli ħafna iżda l-valur tagħhom kien jinsab fil-valur storiku u reliġjuż tagħhom.

Dun Anton Cassar ikkonferma li l-oġġetti msemmija huma proprjetà tal-Knisja u li ħafna minnhom huma antiki, b'età approssimattiva ta' bejn mitt u mija u ħamsin sena. Huwa spjega li mhux jaf l-eżatta provenjenza tagħhom iżda qiegħdin hemm sa minn żmien twil. L-Ispettur Joseph Mercieca indika li l-Qorti se titlob valutazzjoni uffiċjali minn espert sabiex jiġu stmati dawn l-oġġetti, b'Dun Anton Cassar jgħid li jixtieqhom lura għax ġejja l-Festa.

Il-proċedura tkompliet b'sospensjoni temporanja tax-xhieda u diskussjoni fuq kif għandu jibda l-kontro eżami. Dr. Marion Camilleri staqsiet lil Dun Anton Cassar dwar l-interventi tiegħu fuq it-televiżjoni u jekk jistax jirrepeti dak li qal, fejn huwa esprima x-xewqa li jmur jitkellem mal-akkużati jekk jingħata permess. Huwa kkonferma wkoll li qatt ma ltaqa' magħhom qabel u li ma kellux kuntatt magħhom dwar l-investigazzjoni.

Jonathan Farrugia, sagristan residenti Bormla bħala sagristan fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla sa mill-1 ta' Marzu 2013 xehed li s-Sibt 22 ta' Lulju, irċieva żewġ "missed calls" mill-Arċipriet Alfons Grech għall-ħabta tas-06:20 a.m., liema ħin korrisponda mal-ħin meta saret l-iskoperta ta' serqa fil-knisja. Meta wasal fuq il-post wara li ġie mgħarraf minn sagristan ieħor, Salvu Attard, sab il-ħabel tal-bieb imdendel, il-bieb tal-kur minn mal-koppletta għall ma' tieqa miftuħ, u ġew osservati diversi sinjali ta' intrużjoni.

Kompla jispjega li sab il-tabernaklu miftuħ, kif ukoll armarju miftuħ u s-sagristija żgħira ukoll kienet infetħet. Fir-rigward tal-oġġetti misruqa, Farrugia elenka li nsterqu diversi oġġetti tal-fidda fosthom pissidi, kalċi, asperges, ciborji, żejt tal-magħmudija u il-qamar tal-isfera. Huwa spjega li l-għada ġie ordnat mill-Arċipriet sabiex jagħtih il-patena u li l-istess Arċipriet mar miegħu fil-ġnien fejn sabu borża b'wieħed mill-oġġetti misruqa ġewwa fiha. Spjega wkoll li l-ġimgħa ta' qabel, il-quddiesa ta' nhar il-Ġimgħa filgħodu kienet saret, iżda  s-sagristan l-iehor kien siefer u l-preparazzjoni kienet saret minnu nnifsu. Għaldaqstant, huwa ġie mistoqsi mill-prosekuzzjoni dwar l-oġġetti li kienu ġew ikkonfermati bħala misruqa jew instabu susspettati, u kkonferma l-identifikazzjoni tagħhom fosthom patena u kalċi. Ix-xhieda ngħalqet bil-konferma tiegħu li wieħed mill-pissidi kienet tal-fidda u kienet tal-knisja.

Jonathan Farrugia spjega li meta eżamina ċertu oġġetti relatati mal-Knisja, nnota li wieħed minnhom kellu ħsara fil-bażi. Kien qed jirreferi għal ċiborju li kien fil-kaxxa fl-armarju faċċata tas-switchboard, flimkien ma' asperges imgeżwer f'tissue.

Dwar labra tal-fidda, qal li l-fossa tan-nofs kienet magħluqa, iżda qabel kienet miftuħa għax kienet għadha mir-restawr. Qal li ma jafx meta ttieħdet għar-restawr għax xi ħaddieħor ħallasha. F'diversi evidence bags indika oġġetti bħal kalċi, pissidi u ciborji bħala proprjetà tal-Knisja jew ta' saċerdoti partikolari bħall-Arċipriet u Father Jesmond Manicaro.

Meta mistoqsi dwar il-kundizzjoni tal-oġġetti, indika li wieħed minnhom kellu bocca tan-nofs li tħallat, u għalkemm ma kienx iddanneġġjat serjament, kellu difett. Rigward tliet pateni ta' kulur fidda u deheb, identifika waħda bħala tal-Kalċi bl-isfond blu, oħra bħala tal-Knisja, u t-tielet waħda bħala ta' Dun Reuben Vella. Spjega wkoll fejn kienu jinsabu dawn l-oġġetti, u li kienu miżmuma flimkien mal-kalċi rispettivi tagħhom.

Father Vella spjega li kien Vici Arċipriet fil-Parroċċa ta' Bormla sakemm fis-sajf tas-sena tal-każ, inħatar Vici Arċipriet f'Ħaż-Żebbuġ. Huwa kien imur jagħti l-quddiesa tas-7:00am nhar ta' Sibt, li jaħseb kienet is-23 ta' Lulju. Meta daħal fil-knisja, sabha miftuħa u nnota li t-Tabernaklu kien miftuħ u xi ħaġa ma kinitx f'postha.

Iddeskriva li kien hemm nuqqasijiet ta' oġġetti sakri, fosthom il-kalċi personali tiegħu, ciborju u oġġetti oħra. Il-kalċi tiegħu ma kienx hemm. Meta ġie ppreżentat evidenza, rikonoxxieh bħala tiegħu stess, u qal li għandu valur ta' madwar €1,500, inkluża l-patena li kienet tingħaqad miegħu, li kienet rigal minn ġenituri tiegħu. Kien hemm ukoll ismu personali fuq dan il-kalċi.

Meta l-Qorti ressqet tliet pateni taħt evidenza AC 1 sa AC 3, Father Vella identifika waħda minnhom bħala tiegħu, iżda wera inċertezza dwar liema eżatt. Stqarr li waħda minnhom tidher iżgħar u oħra tidher iktar antika – x'aktarx għalhekk li semma li waħda kienet tiegħu.

Kien ukoll interrogat dwar jekk kellux oġġetti oħra personali – wieġeb li l-oġġetti l-oħra li rrikonoxxa kienu biss il-kalċi u l-patena tiegħu.

Doris Serpina xehdet ukoll nhar is-19 ta' Settembru 2017 fejn sahqet li l-process verbal tal-kaz ma kiexn fil-pussess tal-Avukat Generali.

Father Manicolo xehed ukoll nhar is-19 ta' Settembru u kkonferma li jqaddes b'mod regolari fil-Knisja ta' Bormla u dak in-nhar tas-serqa kien imissu jqaddes filgħaxija. Filgħodu kien innota li kien nieqes kalċi li kien tiegħu personali. Meta ntwerewlu tliet oġġetti taħt bag evidence number B00957961, irrikonoxxa kalċi, issa miksur, bħala tiegħu – u li miegħu kienet ukoll il-patena tiegħu.

Il-kalċi, qal, ġie mogħti lilu bħala rigal u msemmi b'ismu personali. Għandu ċertu valur għalkemm ma jafx eżatt kemm jiswa. Il-patena kienet waħda dritta u mhux imgħaffġa. It-tnejn kienu ġew fi kaxxa tal-injam, li kienet instabet fis-sagristija. Il-kaxxa nstabet fuq l-art, imma hu stqarr li l-oġġetti mhux qegħdin fil-pussess tiegħu u ma jafx min ħadhom.

Abigail Farrugia, residenti f'Malta u partner ta' Marlene Cricchiola, ġiet mistoqsija mill-Qorti jekk għandhiex relazzjoni personali ma' wieħed mill-imputati, li hija kkonfermat li għandha relazzjoni ma' Marlene Cricchiola. Minħabba dan, il-Qorti spjegatilha d-dritt tagħha li ma tixhidx. Wara li ġiet infurmata li jekk tagħżel li tixhed trid tgħid l-istorja kollha, hija għażlet li ma tixhidx.

PS 180 Fabian Aquilina xehed li fit-11 ta' Settembru ġie kkuntattjat mill-Ispettur Joseph Mercieca sabiex jattendi l-Gibjun ta' Santa Liena, Bormla, fejn ġew irrappurtati serq ta' affarijiet reliġjużi mill-Knisja Parrokkjali. Huwa spjega kif, flimkien ma' persuni oħra fosthom l-Arċipriet u s-Sagristan, daħlu fil-lokal u sabu xi affarijiet reliġjużi mifruxa fil-post. Il-PS 637 ħa ritratti, filwaqt li hu assista lill-Forensika biex jiġbru l-oġġetti misruqa inklużi kalċi, patena u ciborju.

Fabian Aquilina kkonferma li l-oġġetti nġabru, ġew ippreservati u ttieħdu fl-uffiċċju għall-analiżi, u ntagħtu evidence bags bir-referenzi L00331580, L00095303, L00331581, B00783879, u oħrajn. Huwa kkonferma wkoll li l-kalċi nstab f'biċċiet u li l-oġġetti kienu possibbilment ta' valur peress li kienu tal-fidda u xi wħud magħmulin mill-Ungerija.

PS Aquilina ta wkoll spjegazzjoni dwar ir-ritratti miġbura, inkluż sett minn PS 637 li juru l-post, kif ukoll close-ups u dettalji dwar l-affarijiet misruqa. Huwa kkonferma li r-ritratti jinkludu l-affarijiet kif instabu u li ġew mitfugħa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għall-arkivju.

Doris Serpina xehdet nhar it-30 ta' Ottubru 2017 fejn prezentat il-process verbal ta' din il-kawza u li kien gie minghand l-Avukat Generali fil-5 ta' Ottubru 2017.

L-Ispettur Joseph Mercieca xehed nhar it-30 ta' Ottubru 2017 fejn stqarr li nhar it-22 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tas-6:30 a.m. huwa kien ġie infurmat li allegatament kienet seħħet serqa fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla, fejn l-ex sagristan Saviour Attard irrappurtahlu li nstab nieqes numru ta' affarijiet reliġjużi mill-istess knisja. Huwa qal li minn investigazzjonijiet preliminari sar magħruf li xi ħadd seta' daħal mill-istess bibien tal-knisja li normalment jintużaw mill-funzjonarji tagħha, u li l-persuna suspettata kienet daħlet mit-tieqa tal-Kor, fejn instab ħabel abjad li deher jintuża biex jinżel u jitla' mill-bejt. L-Ispettur spjega kif l-istess persuna tidher li kienet daħlet għal xi ħin fil-knisja, ħarġet, marret għal kafè u reġgħet lura – hekk kif kien osservat mill-eks sagristan li ra lill-persuna dieħla u ħierġa, u saħansitra kkonferma li ma ndunax b'xi irregolaritajiet.

Meta l-Ispettur mar fuq il-post, sab diversi affarijiet nieqsa u li kellhom rabta mar-reliġjon, inkluż kalċijiet u ciborji, li xi wħud minnhom instabu miksura jew imtebbgħin. Instabu wkoll flixken żgħar li normalment fihom iż-żejt sagru, kif ukoll maskri tal-karnival fuq il-bejt, li mbagħad ġie identifikat li kienu neqsin mill-knisja. Fost l-oġġetti misruqa jew imħassra kien hemm ukoll għamara u speċjalment labra partikolari mill-bibien tal-artal. Meta ġie mistoqsi dwar xi marki jew impronti li nstabu, huwa spjega li instabu kalċijiet imkissrin u partijiet oħra ta' affarijiet reliġjużi li kienu ġew miġbura bħala evidenza minn fuq il-post.

L-Ispettur semma wkoll kif fil-kors tal-investigazzjoni, ġew identifikati żewġ persuni suspettati: Marflene Cricchiola u Gianluca Sultana. Fost l-affarijiet li għenu fl-identifikazzjoni tagħhom kien hemm żarbun li nstab fuq il-post u li ġie identifikat li kien jappartjeni lill-imputata Cricchiola. Dan kien jikkorrispondi perfettament ma' shoe print misjub fil-Kor tal-knisja. Instabu wkoll ġojjelli li qabel kienu jappartjenu għall-istatwa prinċipali tal-knisja, u dawn ġew elevati mill-Qrendi, minn post fejn kienet tinsab Abigail Farrugia, tfajla tal-imputata. Il-pulizija sabu wkoll oġġetti oħra misruqa għand l-istess Marflene Cricchiola, inkluża labra u diversi maskli.

L-investigazzjoni kompliet b'monitoraġġ fuq is-sistema ta' komunikazzjoni tagħhom fejn ġie stabbilit li nhar is-serqa stess, Cricchiola kienet f'komunikazzjoni telefonika frekwenti ma' Gianluca Sultana, partikolarment bejn l-1:46 a.m. u l-2:41 a.m., bil-linja 99231998, jiġifieri fl-istess ħin tas-serqa. Fil-fatt, is-CCTV tal-pulizija wera persuna tidħol u toħroġ mill-knisja f'dawn is-sigħat. Għalkemm minħabba distanza ma setgħux jagħrfuha b'ċertezza, l-ħinijiet u l-movimenti kienu jikkoinċidu ma' dak irrappurtat. Ġie wkoll ikkonfermat li d-DNA ta' Marflene Cricchiola kien instab fuq maskra misjuba fuq il-bejt tal-knisja, flimkien ma' partijiet oħra tal-maskri li ġew elevati.

L-Ispettur xehed ukoll dwar konfronti li saru mal-imputati. Cricchiola kienet assistita minn avukat, u meta ġiet mistoqsija jekk hijiex kienet fuq il-post jew involuta, ċaħdet kollox. Madankollu, d-dikjarazzjonijiet tagħha kienet fihom diversi elementi kontraddittorji u li ma kinux kredibbli. L-Ispettur irrimarka li l-verżjoni tagħha ma kinitx soda u ma kinitx ta' min jemminha. Huwa semma wkoll li Marflene qalet li ma kinitx taf bil-flus li kienet għandha tagħti lura lil Cricchiola, għalkemm kienet saret pressjoni biex dawn il-flus jingħataw lura lejlet is-serqa. Intqal ukoll li Gianluca Sultana kien ċaħad kull involviment iżda kien fil-kumpanija ta' Cricchiola fil-lejl tal-istess serqa.

Fl-aħħar tax-xhieda tiegħu, l-Ispettur spjega kif dawn il-movimenti kollha korrispondew mal-evidenza materjali li sabu fuq il-post. Il-kwantità u n-natura tal-oġġetti misruqa, l-evidenza forensika, u l-konnessjoni bijoloġika u komunikattiva bejn iż-żewġ imputati kienu indikazzjonijiet qawwija ta' involviment dirett tagħhom fis-serqa. Huwa stqarr li hu kien fuq il-post nhar l-11 ta' Settembru 2017, fejn kienu diġà ġew elevati diversi oġġetti misruqa mill-knisja, u rċieva informazzjoni siewja minn persuni oħra li kienu jgħinu lill-pulizija jidentifikaw fejn setgħu jinsabu l-affarijiet nieqsa. Ix-xhieda tiegħu ntemmet billi qal li "jiena dak kollu".

John Sacco nhar il-5 ta' Dicembru 2017 prezenta rapport rigward footage li gie elevat min Sistema tas-CCTV f'zewg residenzi gewwa Bormla in konnesjoni ma' serq mill-Knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla.

Nhar il-5 ta' Dicembru 2017 xehed ukoll Mark Vassallo fejn prezenta document rigward il-valutazzjoni ta' riparazzjonijiet fuq l-oggetti li gew allegatament misruqa.

PC 302 Brian Alken prezenta rapport b'total ta' 45 ritratt li huwa kien ha bhala Scene of Crime Officer.

PS 1576 Simon Grech xehed illi kien ġie informat minn Saviour Attard dwar suspett ta' serq mill-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla. Grech mar fuq il-post u nduna li kien hemm ħabel li kien niezel

minn wara l-artal. Is-suspett tiegħu kien li xi ħadd daħal minn barra u għadda minn fuq dan il-ħabel biex jidħol fil-knisja. Huwa prezenta ukoll rapport dwar dan bin-numru ta' referenza FS171160 – 17 BSP

Fix-xhieda tiegħu tas-5 ta' Diċembru 2017, Saviour Attard, voluntier u eks sagristan tal-Knisja tal-Kunċizzjoni f'Bormla, irrakkonta kif fil-jum tas-Serqa, li jaħseb kien is-Sibt 22 ta' Lulju, 2017, kien daħal fil-knisja għall-ħabta tas-6:00 jew 6:30 ta' filgħodu, kif kien is-soltu, minn ġenb il-knisja. Qal li l-bieb tal-ġenb kien magħluq iżda l-bieb tan-nofs kien miftuħ, u wara li daħal sab l-istanga magħluqa u s-serratura tas-sagristija sgasata. Għalhekk, mar l-għassa biex jirrapporta s-sejba tiegħu.

Attard qal li wara, l-pulizija ġew fil-knisja u bdew jinvestigaw u sabu diversi affarijiet nieqsa, fosthom pissidi, kalċijiet, xi ċiborji u affarijiet tal-grizma. Huwa spjega wkoll kif l-għamara tal-kaxxa rizzi kienet tidher miftuħa u b'sinjali ta' ħsara. Rigward il-ħġieġa tal-Madonna, induna li kienet imbruqa u xi ħadd ipprova jaqtagħha. Qal ukoll li ra l-brix u s-suckers ġewwa, li ma kinux hemm qabel.

Meta ġie mistoqsi aktar, Attard semma wkoll li t-tieqa tal-kor kienet miftuħa, u għalkemm ma kienx ċert, jaħseb li minn hemm daħlu. Fit-tabernaklu wkoll, li kien fil-kappella, induna li kien miftuħ u xi ċwievet jistgħu jkunu ġew użati. Qal ukoll li sabu l-ostji mxerrda. Din ix-xhieda nqatgħet b'kontro-eżami riservat u saret fil-preżenza tal-imputati.

Fit-5 ta' Diċembru 2017, Alfons Grech xehed dwar inċident fil-Knisja ta' Bormla li seħħ fis-22 ta' Lulju. Huwa qal li daħal fil-knisja flimkien ma' sieħbu għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu u nnota xi anormalitajiet, inkluż bieb miftuħ u sinjali ta' serq fil-vestiarju. Grech spjega li ra xi pjanetti mal-art u affarijiet f'posthom mhux tas-soltu, inkluż tabernaklu miftuħ u bibien ta' armarji maħlul. Huwa semma wkoll li l-ħbieb tiegħu ċempel lill-pulizija u lil persuni oħra relatati mal-knisja biex jirrapporta s-sitwazzjoni. L-affarijiet nieqsa kienu relatati mal-vestaġġ sagru u xi ġwieżel. Grech ikkonferma li l-kundizzjoni li sab fiha l-knisja ma kinitx normali u osserva wkoll tibdil f'oġġetti li kienu fuq l-artal. Ix-xhieda tiegħu ntemmet b'referenzi għal ritratti li ntwerewlu mill-prosekuzzjoni.

L-Ispettur Saviour Baldacchino xehed dwar għall-inċident li seħħ fis-22 ta' Lulju 2017 nhar il-5 ta' Dicembru 2017, meta s-suspettati allegatament serqu diversi oġġetti sagri mill-Knisja Arċipretali ta' Bormla. L-Ispettur xehed li s-suspett kien oriġinarjament fuq min seta' kellu aċċess għat-tabernaklu, u aktar tard il-ħsieb waqa' fuq individwu li deher jarmi oġġetti mill-ġenb tat-tabernaklu u fuq l-artal. Investigazzjonijiet ulterjuri wasslu biex instabu marki fuq l-art u l-ħġieġ, u ġew elevati marki ta' żraben u DNA minn maskli suspettati.

L-Ispettur spjega li minħabba l-footage u evidenza oħra, inkluż konnessjonijiet telefonici bejn Marlene Cricchiola, Gianluca Sultana, u persuni oħra, kif ukoll osservazzjonijiet ta' movimenti suspettużi, ġie dedott li Cricchiola kienet involuta. Gianluca Sultana ġie arrestat fis-28 ta' Awwissu 2017 u ġie interrogat b'rabta mal-każ, fejn ammetta li kien mar il-Belt ta' Bormla. L-investigazzjoni wriet li kien hemm rabta bejn il-persuni msemmija u l-maskli li ntużaw fil-każ. Ġew elevati wkoll oġġetti bħal glass cutter u żarbun li tqies li kien jikkorrispondi mal-footprints misjuba fuq il-post.

Il-prosekuzzjoni ppreżentat diversi ritratti u dokumenti sabiex tikkonferma l-konnessjonijiet bejn is-suspettati u l-kriminalità allegata. L-Ispettur Baldacchino ta dettalji dwar kif inġabru l-provi, kif sar l-arrest, u kif ġew eżaminati l-footage u l-oġġetti misjuba, u insista li l-evidenza kienet turi rabta ċara bejn il-każ u l-individwi msemmija.

Nhar il-5 ta' Dicembru xehdet ukoll Doris Serpina rigward fol.185 tal-process.

Johnny Bellotti, li jaħdem fil-Go Store u għandu gym jismu Johnny's Gym f'Bormla, xehed dwar il-preżenza tiegħu u ta' Gianluca Cricchiola fil-gym. Qal li hu spiss jgħin lil Cricchiola jew jagħtih servizzi

ta' taħriġ, peress li dan għandu xi għarfien dwar it-training. Il-gym tiegħu jopera mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u anke fi tmiem il-ġimgħa minn tmienja ta' filgħodu sa nofsinhar. Bellotti jiftaħ il-gym mid-disgħa ta' filgħaxija f'dawk il-jiem meta jkun meħtieġ, u qal li jekk hu ma jkunx hemm, Cricchiola jkun hemm flok. Spjega li l-għajnuna tiegħu lil Cricchiola kienet relatata mal-fatt li dan huwa klijent regolari u xi kultant iħossu komdu jgħinu meta jkun hemm ħafna nies fil-gym.

Dr. Marisa Cassar, innominata bħala esperta fil-każ relatat mas-serqa mill-Knisja Parrokkjali ta' Bormla, xehdet nhar id-9 ta' Jannar 2018 li kienet inkarigata mill-analiżi tal-eżebiti u l-konfront tagħhom mal-profil ġenetiku ta' Marlfene Cricchiola. Fl-ewwel stadju tal-proċess, qalet li kienet għadha ma eżebitx l-eżebiti iżda ppreżentat ir-rapport finali tagħha, li kien jinkludi l-eżebiti kollha li rċeviet u analizzat.

Il-Qorti u l-prosekuzzjoni żguraw li n-nomina tagħha kienet regolari u li l-eżebiti kienu immarkati skont il-proċeduri. Dr. Cassar ikkonfermat li kienu inklużi kampjuni orali, swabs u partijiet minn maskli. Fir-rapport tagħha rrimarkat li kien hemm biċċa maskla ta' latex minn fejn ħareġ profil ġenetiku li ma jistax jiġi eskluż li jaqbel ma' dak ta' Marlfene Cricchiola. Madanakollu, għall-kampjuni l-oħra, inkluż kampjun minn biċċa drapp bojod b'għoqda, ma nstab ebda profil ġenetiku jew ma kienx statistikalment sinifikanti biżżejjed biex jikkonferma l-identità ta' Marlfene Cricchiola.

L-uniku konklużjoni ċara kienet li żewġ kampjuni ta' maskli ta' latex kienu jikkorrispondu mal-profil ġenetiku ta' Marlfene Cricchiola. Minkejja dan, għadd ta' kampjuni oħra baqgħu mhux konklużivi. Ix-xhieda ngħatat bil-Malti u fil-preżenza tal-imputati Marlfene Cricchiola u Gianluca Sultana.

Nhar id-9 ta' Jannar 2018 xehed ukoll PS 186 Christian Mintoff fejn ikkonferma r-rapport tieghu min fol 63 sa 69 tal-process. Xehdet ukoll Emily Abela rigward request relatat ma' numri cellurari 77774409. L-istess Emily Abela regat xehdet nhar it-13 ta' Frar 2018 bhala impjegata ta' Melita Limited fejn ikkonfermat subscriber details ta' n-numru 77774409 u prezentat document relatat.

PC880 Neul Pantalleresco, uffiċjal tal-għassa ta' Bormla, xehed dwar l-involviment tiegħu fl-investigazzjoni ta' serqa mill-knisja parrokkjali ta' Bormla li seħħet fis-22 ta' Lulju 2017. Hu kien fuq first watch dak il-jum u ġie mgħarraf dwar suspett ta' serqa mill-knisja. Mal-wasla tiegħu fuq il-post flimkien ma' s-Surgent PS 1076, huma ġew mgħarrfa li xi ħadd kien daħal fil-knisja. Pantalleresco kkonferma li assista lis-Surgent tiegħu waqt l-intervent iżda ma kienx involut direttament fl-investigazzjoni. Ix-xhieda tiegħu kienet limitata għall-preżenza fuq il-post u l-assistenza lill-kollega tiegħu.

Xehed il-Perit Vincent Ciliberti nhar it-3 ta' Mejju 2018 fejn ikkonferma li ma kellhu izzid xejn izjed ma' rapport li kien diga' kien ipprezentat.

PS 583 Ivan Grech xehed dwar avviż li rċieva waqt xogħlu fl-għassa ta' Bormla fil-21 ta' Lulju 2017, relatat ma' serqa possibbli fil-knisja. Huwa rrapporta li ċerta Diane Stolworthy kienet infurmathom dwar mara li xtaqet tibqa' anonima, li kienet osservat raġel fuq il-bejt tad-dar tal-faċċata tal-knisja jiġbed ħabel. Dan ir-raġel ġie deskritt bħala ta' statura medja, bix-xagħar goff u liebes flokk abjad. PS Grech jikkonferma li dan ġie rrappurtat u inkluż fir-rapport tal-investigazzjoni, u fl-aħħar jiffirma l-aggiornament relatat mar-rapport.

Spettur Saviour Baldacchino prezenta document nhar it-3 ta' Mejju 2018 dwar digriet ta' helsien mill-arrest ta' Pulizija Vs. Marflene Cricchola moghti nhar is- 6 ta' Mejju 2015 mill-magistrat Dr.Antonion Micallef Trigona.

Spettur Joseph Mercieca xehed nhar it-3 ta' Mejju 2018 dwar informazzjoni kunfidenzjali li kienet ġiet riċevuta ġewwa l-għassa ta' Bormla relatata mal-istess ġurnata tal-inċident. L-informazzjoni kienet

relatata ma’ persuna barranija li osservat individwu fuq il-bejt tal-knisja. Il-persuna rrapportat l-informazzjoni b’mod anonimu. Spettur Mercieca kkonferma li l-Pulizija investiga lil min għadda l-informazzjoni u nnota li kienet vaga u mhux determinanti. Il-kontro eżami ġie riservat.

Fit-3 ta’ Mejju 2018, ex PS 659 Jeffrey Hughes xehed bil-ġurament fil-kawża kontra Marflene Cricchiola u Gianluca Sultana. Għalkemm kellu ħafna xogħol, huwa ppreżenta żewġ dokumenti relatati ma’ sejbiet ta’ oġġetti allegatament misruqa mill-knisja ta’ Bormla, b’dati tas-sejba f’Settembru 2017. Id-dokumenti ġew mogħtija permezz tal-Isurgent Grech u l-Isurgent Manicolo. Jeffrey Hughes spjega li rtira mill-Korp tal-Pulizija bejn l-20 t’April u ma kellux iċ-ċans jinkludi kollox fl-inkjesta, iżda kien qed jippreżenta l-eżebiti tiegħu bħala Dok JH 1 u JH 2.

Mark Anthony Mifsud, f’isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, xehed li ntalab mill-Pulizija jara ritratti ta’ oġġetti li allegatament ġew misruqa u jikkonferma jekk humiex jaqgħu taħt il-kategorija tal-wirt kulturali. Spjega li dawn l-oġġetti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala wirt kulturali skont il-liġi, billi huma marbuta ma’ ritwali popolari u għaldaqstant jistgħu jaqgħu wkoll taħt il-kappa tal-etnografija. Saħaq li l-oġġetti għandhom valur storiku, arkitettoniku u kulturali li jorbot mal-protezzjoni skont il-liġijiet tal-pajjiż.

Marlene Muscat, li taħdem bħala legal administrator ma’ Vodafone, xehedet fil-Qorti f’rappreżentanza tas-servizz u kienet mitluba tipprovdi dettalji ta’ abbonat, relatati ma’ numru speċifiku. Kien hemm referenza għal CD li diġà ddaħħal fil-proċess b’mod affettiv bħala affidavit u li fih informazzjoni dwar sejħiet u messaġġi bejn Lulju u Awwissu tal-2017. Marlene spjegat li kienet mitluba tagħti dan id-data u ikkonfermat li għandha CD b’din l-informazzjoni, iżda ma kellhiex informazzjoni dwar min kienet tappartjeni n-numru.

Nhar it-8 ta’ Gunju 2018 xehed ukoll l-Ispettur Saviour Baldacchino fejn prezenta vera koppja ta’ document li kien ha mill-process il-Pulizija vs Marflene Cricchola fejn l-Imhallef Antonion Mizzi kien ghamel amendi fuq bail conditions ta’ Marflene Cricchola.

PS Patrick Grech xehed li sottometta żewġ ezebiti relatati ma’ investigazzjoni permezz ta’ forom ta’ submissjoni f’Settembru 2017. Kkonferma li dawn l-ezebiti ġew trattati u ppreżentati minn diversi uffiċjali inkluż PS 659 Jeffrey Hughes. Fil-qorti ġie diskuss ukoll l-identifikazzjoni ta’ folji partikolari fil-proċess u ġie rikonoxxut li l-ezebiti kienu ffirmati minn diversi uffiċjali inkluż lilu. Il-kontra eżami ġie rriservat.

Dr.Lennox Vella xehed dwar print out ta’ dak li kien hemm fuq DVD fuq fol 395 nhar il-25 ta’ Settembru 2018.

WPC Whitney Falzon Debono xeħdet li fil-22 ta’ Lulju 2017 kienet qed tagħmel xogħol tagħha fl-għassa ta’ Bormla meta ġiet infurmata b’serqa minn knisja. Hi ċċekkjat is-sistema tal-kameras u ġiet mgħarrfa dwar persuni relatati mal-każ, li ngħataw bħala Pierre Paul Bugeja u martu. L-informazzjoni dwar il-kameras kienet riferuta lill-Ispettura Chetcuti. L-involviment tagħha kien limitat għal dan ir-rwol investigattiv inizjali.

Spettur Christabelle Chetcuti, taħt ġurament, irrakkuntat kif ġiet infurmata dwar serqa fil-Knisja tal-Kulleġġ ta’ Marija Immakulata f’Bormla. Spjegat id-dettalji kollha tal-investigazzjoni, inklużi osservazzjonijiet fuq il-post, il-konferma ta’ oġġetti misruqa, l-involviment ta’ esperti u CCTV, u kif ġew identifikati l-imputati Marlene Cricchiola u Gianluca Sultana. Semmiet ukoll l-evidenza miġbura bħal recordings, filmati, l-għajnuna ta’ esperti forensiċi, u call logs li rabtu l-imputati mal-każ.

Marisa Gauci xehdet nhar it-12 ta’ Frar 2019 rigward informazzjoni relatata ma’ numru 99231998.

Dr. Lennox Vella xehed nhar is-7 ta' Mejju 2018 rigward traskrizzjonijiet min fuq DVD.

Nhar is-7 ta' Mejju 2018 xehed ukoll PC 169 Jurgen Schembri u pprezenta rapport rigward ezamijiet kimici li saru fuq id-dokument KA 91 2018

**Ikkunsidrat**

l-akkuzat ammetta l-htija ghal-imputazzjonijiet migjuba konrih fis-seduta ta' nhar l-01/07/2025.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li Rat l-Artikli 49, 50, 161, 261(b)(c)(e)(f), 263(a)(b), 267, 269(a), 270, 279(b), 280(2), 289, 325(1)(a) tal- Kap 9 u l-artiklu 53 (1)(a) tal- Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-istess Liġijiet, ssib lill-imputat Gianluca Sultana ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Tpoġġi lis-sur Gianluca Sultana taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin skont it-termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446.

Fakkret u spjegat b'mod ċar lill-imputat l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation, u wissietu li jekk jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet imposti jew jikkommetti xi reat ieħor matul dan il-perjodu, jista' jiġi kkundannat mill-ġdid għar-reat li għalih saret din l-Ordni.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**